**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 402/2022 AF**

**Anna Galea**

**u**

**John Cini**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**u**

**Emanuel Calleja u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2023 l-atti tal-kawza ghandhom jghaddu f'isem Claudette Calleja stante l-mewt ta' Emanuel Calleja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Anna Galea u John Cini, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numri erbgha (4), Rajzi Lane, Triq Has-Sajjied, Birkirkara.

Originarjament dan il-fond kien giet akkwistat minn omm ir-rikorrenti Giovanna Cini u dan permezz ta' att ta' divizjoni in atti tan-Nutar Emanuele Agius datat it-13 ta' Novembru 1964 kopja tal-kuntratt relattiv anness u mmarkat **"Dok. A"**).

B'kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Emanuele Agius datat is-27 ta' Frar 1965, Giovanna Cini kkkoncediet l-istess fond lill-intimat Emanuel Calleja b'titolu ta' enfitewsi temporanju ghal perjodu ta' sbatax (17) il-sena, versu ċens annwu u temporanju ta' ghoxrin Lira (Lm20) fis-sena u pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem (ara kopja tal-kuntratt relattiv anness u mmarkat "**Dok. B**").

Kif appena l-konċessjoni subenfitewtika skadiet, u cioè fit-28 ta' Frar 1982, dan ic-cens kellu bis-sahha tal-ligi applikabbli (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta), li giet emendata bl-Att XXIII tal-1979, jikkonverti ruhu f'kera u ghalhekk, skont id-dettami tal-istess ligi, il-canone dovut (issa in lineja ta' kera) gie rdoppjat ghall-erbghin lira (Lm 40) fis-sena, u baqa' pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem. Ir-rikorrenti ma kellhomx ghazla hlief li jaccettaw din il-qaghda u dan tenut kont tal-ligi vigenti dak iz-zmien.

Giovanna Cini mietet fit-30 ta' Awwissu tas-sena 2000 (certifikat tal-mewt anness u mmarkat **"Dok. C"** u permezz ta' testament datat 27 ta' Gunju 1985 in atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt hija halliet dan il-fond lir-rikorrenti uliedha Anna Galea u John Cini (ricerki testamentarji annessi u mmarkati **"Dok D"** u **"Dok. E"** rispettivament). (Kopja tat-testment anness u mmarkat **"Dok F"**) (kopja tal-att dikjaratorju Causa Mortis anness u mmarkat **"Dok G"**).

Ir-rikorrenti ma setghu qatt jipprendu l-fond lura u dan abbazi tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti jsostnu illi l-konverzjoni awtomatika u arbitrarja minn enfitewsi temporanja ghal titolu ta' kera, maghdud mar-rata baxxa ta' kera kif premess, huwa manifestament ingust u pregudizzjevoli ghad-drittijiet propjetarji taghhom.

Ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-ligi imsemmija, ir-rikorrenti gew u ghadhom jigu mcahhda mid-dritt fondamentali ta' tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif sanciti taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-rikorrenti ghazlu li jipprevalixxu ruhhom mid-dispost tal-Artikolu 12B (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta) di fronte l-inkwilini billi talbu zieda fil-kera sa' massimu ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuh u permezz ta' sentenza datata 8 ta' Ottubru 2021, il-Bord Li Jirregola l-Kera kien ordna revizjoni fil-kera u li għalhekk il-kera dovuta mill-intimat Emanuel Calleja lir-rikorrenti għar-rigward tal-imsemmi fond bin-numru erbgha (4), Rajzi Lane, Triq Has-Sajjied, Birkirkara għandha tiżdied gradwalment, fit-termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, billi għall-ewwel tlett snin il-kera tiżdied bir-rata ta' 1.7% u għaldaqstant il-kera annwali togħla għal elfejn u mija u hamsa u ghoxrin ewro (€2,150) fis-sena u għar-raba', l-hames u s-sitt sena l-kera tiżdied bir-rata ta' 2% u għaldaqstant il-kera annwali togħla għal elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) fis-sena.

Jigi ipprecizat li r-rikors quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera sar minghajr ebda' pregudizzju u minghajr ebda rinunzja ghal kull jedd u/jew rimedju ulterjuri li r-rikorrenti jista' jkollhom.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ligijiet vigenti, senjatament l-artikolu 12(2) tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta), hu inkonsistenti mad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 37 tal-

Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward tal-fond bin-numru erbgha (4), Rajzi Lane, Triq Has-Sajjied, Birkirkara;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi bit-thaddim ta’ dawn il-ligijiet gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti taht l-istess artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja;

3. Tillikwida kumpens xieraq, kemm in linea ta’ danni pekunjarji kif ukoll dak morali, ghal-lezjoni li sofrew ir-rikorrenti kif hawn fuq premess;

4. Tikkundana lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti kif premess bl-imghax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza; u

5. Taghti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji ohra li jidrilha li huma xierqa fis-sitwazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li bl-operazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tal-fond bl-indirizz erbgha (4), Rajzi Lane, Triq Has-Sajjied, Birkirkara, gie lez id-dritt fundamentali taghhom kif sancit mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Preliminarjament ir-rikorrenti jridu jgibu prova sodisfacenti tat-titolu taghhom ghall-fond in kwistjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jgibu prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proceduri hi verament imharsa mill-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll stante li fil-kaz odjern sar biss kontroll fl-uzu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taht dan id-dritt fundamentali.

Fi kwalunkwe kaz, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimat Emanuel Calleja, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

L-esponenti ilu jabita fil-fond mertu tal-kawza mill-elf disa' mija hamsa u sittin. Fil-fatt kienet Giovanna Cini li kkoncedietlu l-proprjetà b'titolu ta' enfitewsi temporanja, ai termini tal-Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Emanuele Agius fis-27 ta' Frar 1965.

Originarjament ic-cens kien ta' ghoxrin Lira Maltija, (il-munita ta' dak iz-zmien), fis-sena.

Mal-iskadenza tal-koncessjoni emfitewtika, bis-sahha tal-Att XXIII tal-1979 li emenda l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta) ic-cens gie kkonvertit f'kera u dan versu rata ta' kera li kienet id-doppju u cioè fis-somma ta' erbghin Lira Maltin fis-sena. Bis-sahha tal-Att X tal-2010 li emenda l-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) din il-kera gholiet ghal 185 Ewro fis-sena 2010 u baqghet toghla kull tlett snin, u kienet telghet ghal 204 Ewro fis-sena, pagabbli kull sena.

Fl-10 ta' Dicembru 2019, ir-rikorrenti fethu kawza kontra l-intimat quddiem il-Bord tal-Kera, li permezz taghha talbu zgumbrament jew awment fis-somma tal-kera, u huwa issottometta ruhu ghat-test tal-mezzi.

L-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera fit-8 ta' Ottubru 2021 iddecieda billi cahad it-talba ghar-rikorrenti ghall-izgumbrament izda gholla l-kera. Tenendo conto tal-valur tal-post skond l-istima tal-periti tal-Bord kien ta' 125,000 Ewro, ordna li l-kera tigi awmentata b'1.7% u ssir 2,150 Ewro fis-sena ghall-ewwel tlett snin u titla' ghal 2,500 Ewro ghall-ahhar tlett snin.

Il-kera dejjem thallset u l-ahhar kera li giet accettata mir-rikorrenti kienet proprju fis-7 ta' Ottubru 2022 ghal perjodu mit-8 ta' Ottubru 2022 sas-7 ta' Ottubru 2023.

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li huma infondati.

It-talba sabiex hu jigi ordnat ihallas xi kumpens ghandha tigi michuda.

Huwa pensjonant u mieghu tghix bintu Claudette Calleja li ssofri minn dizabbilità permanenti u ghandha bzonnijiet specjali.

Ghalih dan il-post huwa fundamentali u ghalhekk kwalunkwe talba fil-konfront tieghu ghandha tigi michuda.

Huwa m'ghandux ihallas l-ispejjez tal-kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat illi fl-istess udjenza tal-10 ta' Jannar 2023 il-Qorti ħatret lill-Perit Maria Roberta Mallia bħala perit tekniku sabiex tħejji stima tal-valur lokatizju tal-proprjetà mis-sena 1988 sas-sena 2022 b'intervalli ta' ħames snin.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2023 il-Qorti awtorizzat it-trasfużjoni tal-atti f'isem Claudette Calleja wara l-mewt tal-intimat missierha Emanuel Calleja.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħdin ifittxu illi jiksbu dikjarazzjoni illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 huma leżivi tad-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà kif dan il-jedd jinsab imħares ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

In linea preliminari, l-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa illi r-rikorrenti għandhom jagħmlu l-prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond mertu ta' din il-kawża. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu imbagħad iddikjara ruħu sodisfatt mill-provi f'dan ir-rigward u għalhekk iddikjara li mhux ser jinsisti ulterjorment fuq din l-eċċezzjoni. Il-Qorti ukoll hija tal-fehma li r-rikorrenti pproduċew provi b'saħħithom biżżejjed sabiex jiskarikaw il-prova tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà *de quo*. F'dan ir-rigward jirriżulta li l-proprjetà tnisslet għand ir-rikorrenti b'wirt mingħand ommha Giovanna Cini li mietet fit-30 t'Awwissu 2000 u b'testment tas-27 ta' Ġunju 1985 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt ħalliet il-proprjetà *de quo* ossia l-fond numru 4, bl-isem Rajzi Lane fi Triq Ħas-Sajjied, Birkirkara, b'titolu ta' prelegat favur ir-rikorrenti.

L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll illi għandha ssir il-prova li l-kirja hija tassew regolata permezz tal-provvedimenti tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta iżda naqas milli jittratta din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Mill-atti jirriżulta illi permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Frar 1965 Giovanna Cini

kkonċediet il-fond *de quo* b'titolu t'enfitewsi temoranja għal perjodu ta' 17-il sena favur l-intimat Emanuel Calleja. Il-konċessjoni oriġinal skadiet fit-28 ta' Frar 1982 u l-kera bdiet tiġi regolata *ope legis*. Dan jagħmel mill-kirja in kwistjoni waħda regolata ai termini tal-Artikolu 12(2)(a) tal-Kap. 158 stante li ngħatat b'konċessjoni enfitwetika permezz ta' kuntratt redatt qabel il-21 ta' Ġunju 1979.

Il-mertu ta' din il-kawża ġie diversi drabi trattat u deċiż mill-Qrati b'tant illi l-ġurisprudenza in materia hija ormai ben assodata u kristallizzata b'sentenzi sia ta' din il-Qorti kif adita kif ukoll dawk tal-Qorti Kostituzzjonali li mxew fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea in materia.

Ir-rikorrenti allegaw vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom kif imħarsa ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Madanakollu il-Qorti qeghda tqis l-inapplikabilità tal-Artikolu 37 għall-każ tal-lum in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkazjonijiet fejn trattaw l-inapplikabilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għall-każ tal-lum. La darba l-Kapitolu 158 li jirregola l-kirja mertu ta' din il-kawza dahal fis-seħħ qabel id-data msemmija fis-sub-inċiż 9 tal-Artikolu 47, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw ksur tad-drittijiet tagħhom ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni huwa mibni fuq tlett prinċipji kardinali u cioè: (i) għandu jkun hemm it-tgawdija paċifika tal-proprjetà; (ii) Il-privazzjoni minn possedimenti hija soġġetta għall-kondizzjonijiet; u (iii) l-Istat għandu l-jedd illi jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali[1].

Id-dritt tal-Istat illi jfixkel it-tgawdija tal-proprjetà hija eċċezzjoni u f'kull każ dan it-tfixkil irid ikun kompatibbli mal-prinċipji tal-legalità, tal-għan leġittimu fl-interess ġenerali u tal-bilanċ ġust bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunità u l-

---

[1] James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37; Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61; Broniowski v. Poland, 22 ta' Ġunju 2004, § 134; **Bosphorus Airways v. Ireland (2005)**

ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu[2]. M'hemmx dubju illi r-regolamentazzjoni *ope legis* tal-kera tikkostitwixxi kontroll fl-użu tal-proprjetà taċ-ċittadin privat.

Lanqas ma jista' jingħad illi s-sitwazzjoni tjiebet bid-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Kap. 16 permezz tal-Att X tal-2009 għaliex xorta rriżulta sproporzjon bejn l-awment fil-kera skont l-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq ħieles[3].

In kwantu d-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018, waqt illi l-Qrati llum jirrikonoxxu li s-sidien għandom rimedju ordinarju li jinkludi sia l-awment fil-kera kif ukoll l-iżgumbrament tal-inkwilin mill-proprjetà, xorta waħda jibqa' l-fatt illi dan ma jsewwix vjolazzjonijiet imġarrba fil-passat[4].

M'hemmx dubju għalhekk illi r-rikorrenti ġarrbu ksur tad-dritt tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom kif dan id-dritt huwa mħares taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Stabbilit illi r-rikorrenti ġarrbu ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, għandhom dritt għal rimedju pekunjarju li għandu jiġi stabbilit skont il-kriterji stabbiliti mill-Qorti Ewropea fis-sentenza ormai ċelebri ta' Cauchi vs Malta.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti ġiet limitata għall-perjodu mis-sena 1988 sas-sena 2022 madanakollu jeħtieġ li tali pretensjoni tiġi limitata ulterjorment u dan peress illi kif fuq ingħad id-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018 ntroduċa rimedju għal-lanjanza tar-

---

[2] Lithgrow and Others v United Kingdom, tat-8 ta' Lulju 1986 QEDB Curmi v Malta, 22 ta' Novembru 2011, § 3; Sporrong & Lönnroth, (ċitat supra) §§ 69-74; Amato Gauci v Malta, tal-15 ta' Settembru 2009; Brumărescu v. Romania 29th April 2013, § 78; James and Others vs The United Kingdom, 21st February 1986, § 50; Mellacher and Others vs Austria, 19 ta' Diċembru 1989, § 48; Spadea and Scalabrino v. Italy, 28 ta' Settembru 1995, § 33; Immobiliare Saffi v. Italy, 28 ta' Lulju 1999, § 54; Hutten-Czapska v Poland, 19 ta' Ġunju 2006, § 223; Vincent Curmi noe et vs Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2016; Josephine Briffa et vs L-Avukat tal-Istat et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12 ta' Novembru 2021; Maria Concetta sive Connie Caruana Gatto vs Avukat tal-Istat et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 29 t'April 2021

[3] Aquilina v Malta, 11 ta' Diċembru 2014

[4] Avukat Dottor Iana Said et vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ottubru 2019; Henry Deguara Caruana Gatto et vs L-Avukat tal-Istat et, Qorti Kostituzzjonali, 23 ta' Novembru 2020

rikorrenti u għalhekk ma fadalx aktar lok illi jiġi akkordat kumpens għall-perijodi ta' żmien wara l-imsemmija data.

Għalhekk, abbażi tal-linji gwida mogħtija fis-sentenza ta' Cauchi vs Malta, il-kumpens għandu jiġi kkalkolat billi mill-valur tal-fond fis-suq isir:

i. Tnaqqis ta' 30% bħala kumpens għall-għan leġittimu tal-liġi attakkata;
ii. Tnaqqis ulterjuri ta' 20% in kumpens għall-fatt li ma teżisti ebda garanzija li l-fond sejjer ikun mikri b'dak il-valur fis-suq għall-perjodu kollu;
iii. Tnaqqis tal-kera fil-fatt perċepita mis-sid.

Għall-iskop illi tiddetermina u tillikwida kumpens il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-valuri mogħtija mill-Perit Tekniku. Qieset ukoll il-kera perċepita li tammonta għas-somma komplessiva ta' €4,256.65[5].

In kwantu il-Likwidazzjoni tad-Danni Pekunjarji għaż-żmien mis-sena 1988 sal-1 ta' Lulju 2018, is-somma komplessiva tammonta għal €45,708.62[6]. Minn din is-somma irid isir tnaqqas ta' 30% li jwassal għaċ-ċifra ta' €31,996.03 minn liema somma jrid isir tnaqqis ulterjuri ta' 20% li jwassal għas-somma ta' €25,596.83. Mis-somma ta' €25,596.83 trid titnaqqas is-somma ta' €4,256.65. Dan iwassal għas-somma ta' €21,340.18 liema somma trid titħallas lir-rikorrenti *qua* danni pekunjarji.

Kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' €10,000.

---

[5] €838.53 (minn 1988 sa 1996: €93.17 x 9) + €1,677.12 (minn 1997 s 2008: €139.76 x 12) + €280 (2009 u 2010: €140 x 2) + €555 (2011 sa 2013: €185 x 3) + €396 (2014 sa 2015: €198 x 2) + €510 (2016 sa Ġunju 2018: €204 x 2.5) = €4,256.65

[6] €2,207.10 (1988 sa 1992 = 5 snin x €441.42) + €3,737 (1993 sa 1997 = 5 snin x €747.40) + €5,946.80 (1998 sa 2002 = 5 snin x €1,189.36) + €8,658.20 (2003 sa 2007 = 5 snin x €1,731.64) + €11,652.30 (2008 sa 2012 = 5 snin x €2,330.46) + €11,625.85 (2013 sa 2017 = 5 snin x €2,325.17) + €1,881.37 (Jannar sa Ġunju 2018 = $3,762.73 ÷ 2) = €45,708.62

Għalhekk l-ammont totali ta’ €31,340.18 irid jitħallas lir-rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati sa fejn kompatibbli ma’ dak li ingħad:

1. Tilqa’ l-ewwel talba limitatament u tiddikjara illi t-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta huma leżivi tad-drittijiet tar-rikorrenti kif dawn jinsabu mħarsa ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tilqa’ l-bqija tat-talbiet u waqt illi tillikwida kumpens pekunjarju u non-pekunjarju fis-somma komplessiva ta’ wieħed u tletin elf tlett mija u erbgħin ewro u tmintax-il ewro ċenteżmu (€31,340.18) u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont likwidat lir-rikorrenti.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.

IMHALLEF

DEP/REG